TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 34/14/GB

**Larissa Sciberras**

**vs**

**Micro Data Technology**

Illum 23 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbatax-il Ewro (€14.00) rapprezentanti hsarat fuq 'laptop' tar-rikorrenti, wara li nha ghat-tiswija ghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet 'laptop' jahdem ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, u taf li kien qed jahdem ghaliex is-socjeta' ntimata kienet xeghlitu. L-imsemmi 'laptop' kellu bżonn fannijiet, u ghalhekk ir-rikorrenti kienet fethitu qabel ma taghtu lis-socjeta' ntimata, u nehhiet il-fannijiet.

Is-socjeta' ntimata kienet qaltilha biex tixtrilha l-fan minn fuq l-internet a bażi tal-fatt li kien ikun irhass. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kienet hadet il-'laptop' u l-fannijiet ghand is-socjeta' ntimata, fejn hija wahhlet il-fannijiet. Wara jumejn, is-socjeta' ntimata kienet infurmatha illi l-'laptop' kellu problema, pero' ma kenitx taf x'kienet il-problema.

Is-socjeta' ntimata tat il-'laptop' lura lir-rikorrenti bil-'motherboard' mahruqa u l-'laptop' ma baqax jixghal, meta r-rikorrenti kienet hadet il-'laptop' jahdem ghand is-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti qieghda titlob illi s-socjeta' ntimata ssewwi l-'laptop' a spejjez taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, a bazi tal-fatt illi ma ġiet ipprezentata l-ebda stima rapprezentanti l-prezz ta' 'motherboard' ġdida, l-ebda riċevuta ta' meta nxtara l-'laptop', l-ebda prova li fil-fatt inharqet il-'motherboard' u l-ebda prova ta' ness bejn l-allegati hsarat li gew ikkangunati fuq il-'laptop' in kwistjoni u kif u minghand min gew ikkaġunati, li qed jichad it-talba tar-rikorrenti fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**